# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 31 ta' Jannar 2018**

Rikors Guramentat Nru.  204 / 17RGM

Kawza fil-lista:  17

**A B**
**vs**
**C D Bonici f'isimha proprju u f'isem il-minuri E F B u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti u l-konvenuta kellhom relazzjoni li damet ftit ta' zmien;

2. Illi fit-23 ta' Mejju 2017 twieled il-minuri E F B liema minuri gie registrat bhala wild naturali tar-rikorrenti, hekk kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid li jgib n-nurnru ta' iskrizzjoni 3570/2017;

3. Illi sussegwentement ir-rikorrenti sar jaf permezz ta' testijiet genetici illi l-minuri imsemmi mhuwiex il-wild naturali tal-istess rikorrenti u dan kif jirrizulta car mir-Rapport ta' DNA datat 8 ta'Awwissu 2017;

4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma jridx illi jibqa' jigi ndikat bhala l-missier naturali tal-minuri E F B u ghalhekk qieghed isir dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni neccessarja u opportuna joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-minuri E F B li twieled nhar it-23 ta' Mejju 2017, liema minuri gie registrat bhala wild naturali tar-rikorrenti, hekk kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid li jgib n-numru ta' iskrizzjoni 3570/2017, m'huwix il-wild naturali tar-rikorrenti;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri fis-sens illi fil-kolonni li jispecifikaw id-dettalji dwar ir-rikorrenti fl-att tat-twelid tieghu, jitnehha l-isem tar-rikorrenti u jigu mnizzla kliem missier mhux maghruf jewfil-kaz illi l-missier naturali jigi kjamat fil-kawza l-isem tal-istess missier;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 1818 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi l-esponenti teccepexxi illi r-rikorrent ma ddikjarax taht liema artikolu qed isejjez din il-kawza istanti. Ghaldaqstant l-esponent huwa tal-umli fehma, illi jkun ta' beneficcju illi r-rikorrent jiddikjara taht liema artikolu giet ipprezentata din l-azzjoni, salv pero, illi l-esponenti tirriserva d-dritt li tissolleva eccezzjoniiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tiddikjara li m'hijiex edotta mill-fatti kif gew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors guramentat;

4. Illi stante s-suespost, l-esponenti tiddikjara li normalment fi proceduri ta' din in-natura, hi dejjem tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi istruttorji u titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Madanakollu, mad-dokumenti annessi mar-rikors guramentat gie anness ukoll kopja tar-rapport tat-test genetiku illi jidher li r-rikorrent ma huwiex il-missier naturali tal-minuri E F B;

5. Illi stante s-suespost, l-esponenti teccepixxi illi f'dan l-istadju kull ma jonqos huwa proprju li r-rapport tat-test genetiku jigi mahluf mit-tekniku;

6. Illi sussegwentament u bla pregudizzju ghal dak premess, l-esponenti hija tal-fehma illi f'kaz li t-talbiet tar-rikorrent jigu milqugha minn din l-Onorabbli Qorti, jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi jkun jaf min hu missieru naturali. Ghaldaqstant, ikun ta' beneficcju u xieraq illi l-konvenuta C D Bonici tispecifika min hu l-missier naturali halli b'hekk dan jkun jista' jigi msejjah fil-proceduri istanti anke permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi bla pregudizziu ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 sub-inciz 6 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi bla hsara ghas-suespost, f'kaz li tintlaqa' is-seba' eccezzjoni tal-esponent, l-esponenti tinvita lill-missier naturali ta' E F B sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) l-eta' tieghu meta twieled l-minuri, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru, u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex eventwalment tkun inserita fl-Att tat-Twelid tal-istess E F B;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-DNA Paternity Test Report [Dok. B][1] li jikkonferma li l-attur mhux il-missier biologiku tal-minuri E F B, u r-rapport ta' Dr Marisa Cassar, mahluf fit-3 ta' Jannar 2018[2];

Rat l-Affidavit ta' l-attur mahluf fl-4 ta' Ottubru 2017[3];

Rat li l-konvenuta debitament notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz ta' l-appuntament tal-kawza, baqghet ma pprezentatx risposta guramentata skont il-ligi;

[1] Fol. 5
[2] Fol. 6
[3] Fol. 11 u 12.

Rat il-verbal registrat mill-istess konvenuta fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2017 fejn iddikjarat tramite d-difensur legali taghha li m'hijiex qed topponi ghat-talbiet attrici;

Rat illi permezz ta' verbal registrat fl-istess seduta ta' l-4 ta' Dicembru 2017, giet irtirata l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota ta' l-attur tat-8 ta' Jannar 2017 li permezz taghha ddikjara li l-azzjoni tieghu hija wahda ta' denegata paternita` ta' wild imwieled barra miz-zwieg li ghandha l-fondament legali taghha fit-termini ta' l-Artikolu 99 tal-Kodici Civili;

Rat illi l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Ikkunsidrat;

**<u>Provi.</u>**

L-attur, fl-affidavit tieghu a fol. 11 *et seq.*, iddikjara li huwa kellu relazzjoni intima mal-konvenuta ghal zmien qasir u meta sar jaf li harget tqila, emmen li t-tarbija kienet tieghu. Fil-fatt l-attur jispjega li kif twieled il-minuri, minghajr hsieb huwa rrikonoxxih bhala ibnu u beda jizviluppa rabta profonda mieghu. Madanakollu, minhabba li l-partijiet ma kellhomx relazzjoni intima esklussiva fiz-zmien tal-koncepiment, nibet fl-attur dubju dwar jekk kienx verament il-missier bijologiku. Ghalhekk iddecieda li jissottometti ruhu ghal test tad-DNA biex iserrrah mohhu izda minflok, irrizulta li t-tarbija m'huwiex il-wild tieghu. Skont l-attur, il-konvenuta ammettiet li kellha relazzjonijiet intimi ma' terza persuna fiz-zmien tal-koncepiment. Huwa pproceda b'din il-kawza peress li kien diga` irrikonoxxa t-tarbija bhala ibnu b'mod ufficjali.

Ikkunsidrat;

Illi minkejja is-sitt eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti tinnota illi l-konvenuta baqghet ma indikatx min huwa l-allegat missier tal-minuri sabiex tkun tista' tigi stabbilita l-paternita` tal-minuri b'mod definittiv. Billi l-Qorti hi marbuta bit-talbiet u l-eccezzjonijiet li ghandha quddiemha, ma tistax ghalhekk hlief tghaddi sabiex taghti decizjoni esklussivament dwar it-talba maghmula mill-attur. Madanakollu, sew il-konvenuta kif ukoll il-minuri f'din il-kawza ser jibqghalhom id-dritt illi fi kwalunkwe zmien jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja dwar min hu verament il-missier naturali tal-minuri.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

Kif sewwa osserva l-attur, l-azzjoni ta’ denegata paternita` ta’ wild imwieled barra z-zwieg bhal dik istitwita mill-attur, ghandha l-fondament legali taghha fit-termini ta’ l-**Artikolu 99 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi illi:-

“*L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista’ jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.*”

**L-Artikolu 100A** imbaghad jipprovdi illi f’kawzi ta’ din ix-xorta l-Qorti ghandha s-setgha li tezigi li jsiru testijiet genitici bhala prova.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta illi l-attur kien imhasseb dwar il-paternita` tieghu tal-minuri peress li r-relazzjoni intima bejn il-partijiet ma kinitx esklussiva oltre li kienet relazzjoni pjuttost qasira. It-testijiet xjentifici li saru jikkonfermaw id-dubju li kellu l-attur li m’huwiex il-missier naturali.

It-testijiet xjentifici huma llum l-aqwa prova f’kawzi ta’ denegata’ paternita`. F’dan il-kaz, it-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-gurament ta’ Dr. Marisa Cassar, li rrapportat li hija hadet il-kampjun orali ta’ l-attur kif ukoll tal-minuri sabiex tikkonduci t-testijiet genetici tad-DNA (*paternity test*), jelimina kull ekwivoku dwar il-paternita` tal-minuri. F’dan il-kaz ir-rizultat tat-testijiet genetici ma jhalli ebda dubju li l-attur ma huwiex il-missier naturali tal-minuri E F B.

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta mill-provi mressqa li l-attur ma hux il-missier bijologiku tal-minuri u li t-talbiet tieghu sabiex jigi dikjarat gudizzjarment li huwa mhux il-missier naturali tal-minuri, jisthoqqu li jigu milqugha.

**<u>Decide</u>**

Il-Qorti ghalhekk qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-mod kif hawn deciz,

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-minuri E F B li twieled nhar it-23 ta’ Mejju 2017, m’huwiex il-wild naturali ta’ l-attur A B.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri fis-sens li jigu kkancellati isem, kunjom u l-partikolaritajiet kollha tal-attur mill-kolonni li jispecifikaw id-dettalji dwar il-missier fl-Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv 3570/2017 [Dok. A], u minflok jigi mnizzel li l-minuri E F B huwa wild missier mhux maghruf.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta C D Bonici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**